GOVERNMENT OF MALTA

FONDI.eu

# PRE-ANNOUNCEMENT OF CALL:
# EUROPEAN MARITIME FISHERIES AND AQUACULTURE FUND PROGRAMME FOR MALTA 2021-2027

The Ministry responsible for EU Funds is pre-announcing the following calls under the European Maritime Fisheries and Aquaculture Fund Programme 2021-2027:

## Actions Addressing Marine Litter

- **Priority 1: Fostering Sustainable fisheries & the restoration & conservation of aquatic biological resources**
- **Specific Objective 1.6 – Contributing to the protection and restoration of aquatic biodiversity and ecosystems**

This call will be encouraging interventions that protect and restore aquatic biodiversity and ecosystems. This aims to involve eligible applicants for the collection of lost fishing gears and marine litter, in line with the ambitions of the Single-Use Plastic Products Strategy for Malta 2021-2030, EU's Strategy for plastics in a circular economy and the Single-use Plastics Directive (SUP) (EU) 2019/904.

Eligible applicants for the call are:

- Public authorities/entities
- Local Councils;
- Fishers including small-coastal fishers, fishing cooperatives and associations;
- Non-Government Organisations (NGO's) involved in marine/fisheries/nature protection;
- Entities and research institutions involved with research/ studies/ assessments in the marine environment and similar.

The actual launch of the call, the Application Form and other supplementary documentation will be published in June 2026 and can be accessed at https://fondi.eu/ .

Prospective applicants are encouraged to refer to https://fondi.eu for the EMFAF Programme for Malta, as well as any updates related to EU funding calls.

For more information about the call, kindly contact Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) on info.sem@gov.mt or by calling on +356 2779 7300.

Co-funded by the European Union

GVERN TA' MALTA

FONDI.eu

**PRE-AVVIŻ TAS-SEJĦA:**
**IL-PROGRAMM TA' MALTA RIGWARD IL-FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI, IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA 2021-2027**

Il-ministeru responsabbli għall-fondi tal-UE qed joħroġ dan il-preavviż sabiex jgħarraf bis-sejħa taħt il-Programm għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura 2021-27:

**Azzjonijiet li jindirizzaw il-problema tal-iskart fil-baħar**

- **Prijorità 1: promozzjoni ta' sajd sostenibbli u r-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar**
- **Objettiv Speċifiku 1.6 – kontribuzzjoni favur il-ħarsien u r-restawr tal-biodiversità u tal-ekosistemi akkwatiċi**

Din is-sejħa ser tħeġġeġ interventi li jħarsu u jreġġgħu lura l-bijodiversita' fil-baħar u fl-ekosistemi. Din trid tinvolvi applikanti eliġibbli għall-ġbir tat-tagħmir tas-sajd mitluf u tal-iskart fil-baħar, f'konformita' mal-għanijiet ambizzjużi tal-Istrateġija ta' Malta 2021-30 rigward il-Plastik li jintuża darba, skont l-Istrateġija tal-UE għall-użu tal-plastik f'ekonomija ċirkolari, u skont id-Direttiva (UE) 2019/904 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċertu prodotti tal-plastik fuq l-ambjent.

L-applikanti eliġibbli taħt dis-sejħa huma:

- Awtoritajiet / entitajiet pubbliċi
- Kunsilli lokali
- Sajjieda, inklużi sajjieda żgħar li jibqgħu max-xatt, kooperattivi u assoċjazzjonijiet tas-sajd
- Għaqdiet Mhux Governattivi (NGOs) involuti fil-ħarsien tal-baħar/tas-sajd/tan-natura
- Entitajiet u istituti ta' riċerka involuti fir-riċerka/fl-istudji/fl-assessjar tal-ambjent marittimu u oqsma jixxiebħu

Il-ħruġ propja tas-sejħa, il-formula tal-applikazzjoni u dokumentazzjoni oħra marbutin magħha se joħorġu għall-pubbliku f'Ġunju tal-2026 u kulħadd ikun jista' jaċċessahom minfuq is-sit https://fondi.eu/.

Min jixtieq japplika huwa mħeġġeġ jirreferi għall-Programm FEMSA mfassal speċifikament għal Malta u li jinsab fuq is-sit https://fondi.eu – kif ukoll għal kwalunkwe aġġornament relatat mas-sejħiet għall-fondi tal-UE.

Għal tagħrif aktar rigward is-sejħa, intom ġentilment mitluba tikkuntattjaw is-Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) fuq l-indirizz elettroniku info.sem@gov.mt jew billi ċċempel fuq +356 2779 7300.

Ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea